## 27 ta' Novembru, 1958

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

**Il-Pulizija**

***versus***

**John Micallef**

## Appell — Sokor — Art. 35 tal-Kodiċi Kriminali

*Hija ġurisprudenza li, meta l-Qorti tal-Maġistrati tillibera l-imputat għax tkun tat interpretazzjoni skorretta tal-ipotesi tal-liġi fl-applikazzjoni tagħha għall-fatt l-Attorney General huwa ntitolat jappella minn dik is-sentenza.*

*Jekk dik il-Qorti tkun illiberat lill-imputat, wara li ddikjarat li hu ma kienx f'sensieh, għax kien fis-sakra, meta kkommetta r-reat li dwarhu huwa akkużat, mingħajr ma ġie pruvat li hu sakkar lilu nnifsu biex jikkommetti dak ir-reat, il-Qorti tkun żnaturat l-ipotesi tal-liġi, billi ma tkunx tat każ tar-rekwiżit illi, biex l-imputat jiġi liberat taħt dik l-ipotesi, irid jiġi stabbilit li l-imputat sikker bla ma ried hu, bil-għemil doluż jew negliġenti ta' ħadd ieħor; għax il-Qorti tiġi li rriteniet illi, biex tkun hemm lok għal dik l-iskriminanti, huwa biżżejjed illi l-akkużat ma jkunx f'sensieh minħabba sokor, u illi ma jiġix pruvat li huwa sakkar lilu nnifsu preordinatament għall-kommissjoni tar-reat, u*

*dan ankorkè ma jkunx jirriżulta li hu ġie msakkar minn ħadd ieħor mingħajr ma ried.*

*Biex l-istat ta' sokor jeskludi l-imputabbilità, barra milli s-sokor irid ikun ta' grad tali li jneħħi l-koxjenza jew il-volontarjetà tal-att jew ommissjoni kostitwenti r-reat, irid ikun anki aċċidental', jiġifieri mhux biss ma jkunx preordinat għall-kommissjoni tar-reat, imma lanqas ma jkun kolpuż, ċjoè volontarju fil-kawża ankorkè involontarju fl-effett, kif ikun il-każ ta' min imprudentement jixrob mingħajr dik il-moderazzjoni meħtieġa b'ex ma jiskerx.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors li bih l-Attorney General appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tal-10 ta' Lulju 1958 fl-ismijiet premessi, u talab li l-istess sentenza tiġi revokata u li l-imputat jiġi misjub ħati u kundannat skond il-liġi;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-imputat ġie liberat mill-imputazzjoni li huwa għamel storbju bl-għajjat u bil-ġlied, li dagħa fil-pubbliku, u li "attakka u għamel reżistenza fuq il-kuntistabbli 187 Anthony Spiteri u 793 Carmel Galea, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz publiku, waqt li kienu jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi";

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Il-lanjanza kontra s-sentenza appellata hi magħmula tikkonsisti f'applikazzjoni skorretta fl-istess sentenza tal-ipotesi tal-liġi kontemplatata fl-inċiż 2(a) tal-art. 35 tal-Kodiċi Kriminali;

Ingħad f'dik is-sentenza:— "Illi skond subsection 2(a) tal-art. 35 tal-Liġijiet Kriminali, kif emendat bl-Att nru. V tal-1956 jidher illi, jekk fil-waqt tar-reat l-imputat kien inkapaċi "of understanding or volition", u li l-istat tiegħu ta' intossikazzjoni kien kawżat mingħajr il-kunsens tiegħu, imma att doluż u negliġenti ta' xi persuna oħra, dan il-fatt

jista' jinghata bhala eċċezzjoni mill-imputat; illi skond is-subartikolu erbgħa (recte tlieta) tal-art. 35 tal-Liġijiet Kriminali, jekk kemm il-darba jiġu pruvati mid-difiża l-fatti fl-inċiż 2(a), l-imputat mhuwiex ritenut ħati; illi din il-Qorti tirritjeni li l-imputat waqt il-kommissjoni tar-reati li taħthom hu akkużat ma kienx f'sensieh, billi kien fis-sakra, mingħajr ma ġie pruvat li sakkar lilu nnifsu biex jikkommetti r-reati li taħthom ġie akkużat; u għalhekk tilliberah";

Ikkunsidrat;

Illi, skond l-art. 35(1) tal-Kodiċi Kriminali, is-sokor ma jistgħax jinġieb bħala eċċezzjoni kontra akkuża ħlief fil-każijiet mil-liġi stess indikati; u skond is-subartikolu 2(a) tal-istess Kodiċi (għal dak li jirrigwarda l-każ preżenti), biex is-sokor jista' jikkostitwixxi eċċezzjoni, hemm bżonn ta' dawn ir-rekwiżiti:— (a) Illi minħabba fis-sokor l-akkużat, fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas, ma kienx kapaċi jifhem jew ikollu volontà; (a) u illi huwa kien jinsab fi stat ta' sokor bla ma ried hu, bl-għemil doluż jew negliġenti ta' ħadd ieħor. Skond is-subart. (3) tal-imsemmi artikolu, jekk din l-eċċezzjoni tiġi stabbilita, l-akkużat jiġi liberat. Is-subart. (4) jiddisponi illi l-istat ta' sokor għandu jitqies sabiex jiġi stabbilit jekk l-akkużat iffurmax l-intenzjoni, speċifika jew xort'oħra, li mingħajrha ma kienx ikun ħati tar-reat;

Meta l-Ewwel Qorti, b'riferenza għas-subart. 2(a) u 3 tal-art. 35, iddikjarat illi l-imputat "ma huwiex f'sensieh billi kien fis-sakra, mingħajr ma ġie pruvat li hu sakkar lilu nnifsu biex jikkommetti r-reati li taħthom ġie akkużat" u lliberatu, hija żnaturat l-ipotesi tal-liġi, billi ma tgħatx każ tar-rekwiżit, illi, biex l-akkużat jiġi liberat taħt dik l-ipotesi, irid jiġi stabbilit li huwa siker bla ma ried hu, bl-għemil doluż jew negliġenti ta' ħadd ieħor. Tabilħaqq, l-Ewwel Qorti ġiet irriteniet illi, biex ikun hemm lok għal dik l-iskriminanti, huwa biżżejjed illi l-akkużat ma jkunx f'sensieh minħabba s-sokor, u illi ma jiġix pruvat li huwa sakkar lilu nnifsu preordinatament għall-kommissjoni tar-reat;

u dan ankorkè ma jkunx jirriżulta li hu ġie msakkar minn ħadd ieħor mingħajr ma ried;

Kif għandha tiftieħem l-ipotesi tal-liġi li fuqha hi bażata s-sentenza appellata, jiġifieri dik kontemplata fl-art. 35(2)(a) u (3) tal-Kodiċi Kriminali, u hekk indipendentement mill-ipotesi tas-subart. (4), biex l-istat tas-sokor jesk'udi l-imputabbilità, barra milli s-sokor irid jkun ta' grad tali li jneħħi l-koxjenza jew il-volontarjetà tal-att jew ommissjoni kostitwenti r-reat, irid ikun anki "aċċidentali", jiġifieri mhux biss ma jkunx preordinat għall-kommissjoni tar-reat, imma lanqas ma jkun "kolpuż", ċjoè volontarju fil-kawża ankorkè involontarju fl-effett, kif ikun il-każ ta' min imprudentement jixrob mingħajr dik il-moderazzjoni meħtieġa biex ma jiskerx;

Għalhekk, l-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza appe'lata tal-imsemmija ipotesi tal-liġi mhix korretta; u hija ġurisprudenza li, meta l-Ewwel Qorti tkun illiberat għax tkun tat interpretazzjoni skorretta tal-liġi fl-applikazzjoni tagħha għall-fatt, l-Attorney General hu ntitolat jappella, kif f'dal-każ kien intito'at jagħmel;

Tikkunsidra;

Irriżulta li fil-festa tas-Sacro Cuor l-imputat, wara li kien ilu jitkellem u jiċċajta fuq iz-zuntier tal-knisja, kien ser jiġġieled; u meta l-kuntistabbli Anthony Spiteri u Carmelo Galea, li kienu bl-uniformi, marru biex iwarrbuh, l-imputat beda jitħabat magħhom, xejjer bis-sieq lill-kuntistabbli Spiteri, u għamillu offiża ħafifa u ta' importanza żgħira. Huwa anki beda jidgħi bi kliem faħxi, u ddisturba l-ordni u l-kwiet publiku;

L-imputat kien qabel il-każin tal-banda jixrob ma'-ħbieb, u xorob smoderatament. Huwa xorob, però, għax ried, u hu stess xehed "Naf li xrobna u ħadni x-xorb". Mill-kumpless tal-provi hu assodat illi l-imputat ma tilefx il-kuxjenza u l-volontà tal-għemil tiegħu, u li hu kien ukoll kapaċi jifforma l-intenzjoni li juża vjolenza fuq il-kuntistabbli Spiteri waqt li dan, bl-uniformi, u hekk "ictu oculi" rikonoxxibbli, kien qiegħed jaqdi d-doveri leġittimi tiegħu;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-appell tal-Attorney General, billi tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-imputat ħati li volontarjament għamel offiża ta' natura ħafifa u importanza żgħira fuq il-persuna ta' membru tal-Pulizija legalment inkarigat minn servizz publiku waqt li kien jagħmel dan is-servizz, ħati li qal fil-publiku kliem faħxi, u ħati li volontarjament iddisturba l-bwon ordni u l-kwiet tal-publiku;

Wara li rat l-art.94(1) (2), 235(3) (b), u 352(z) u (bb), tal-Kodiċi Kriminali;

Wara li qieset iċ-ċirkustanzi li taħthom ġew kommessi r-reati;

Tikkundanna lill-imsemmi John Micallef għall-ammenda ta' £2 għall-ewwel reat, għall-ammenda ta' £5 għat-tieni reat, u għall-ammenda ta' 2s. 6d. għat-tielet reat; b'kollox għall-ammenda ta' £7.2.6; li tista' titħallas fi żmien tliet xhur.